*Interess guridiku ai fini tal-proviso tal-artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 31 ta' Jannar, 2018.**

**Numru 2**

**Rikors Numru 224/17TA**

**Fl-atti tal-ittra ufficjali b'kambjala bin-numru: 3925/2016 ipprezentata nhar it-2 ta' Dicembru, 2016 fl-ismijiet:-**

**Catherine Farrugia (detentrici tal-karta ta' l-identita` bin-numru: 683055(M))**

**vs**

**Marcus Lauri (detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru: 242873 (M)), David Lauri (detentur ta' l-identita` bin-numru: 164777 (M)) u Fashion Retailers Enterprises Limited (C32325)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors ta' David Lauri mahluf u presentat minnu fit-13 ta' Marzu 2017 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:

> "Illi permezz ta' ittra ufficjali ipprezentata nhar it-2 ta' Dicembru, 2016 fl-ismijiet "Catherine Farrugia v. Marcus Lauri et", kopja legali ta' liema

qeghda tigi hawn annessa u immarkata bhal "Dokument DL1", l-intimata Catherine Farrugia, fil-kwalita` dikjarata minnha ta' armla tad-defunt zewgha John Farrugia bhala eredi tal-istess, interpellat lill-esponenti u lill-intimati l-ohra sabiex ihallsuha s-somma ta' sitt mija hamsa u disghin elf Euro (€695,000) allegatament rapprezentanti bilanc fuq import ta' kambjala immaturata;

Illi l-esponenti qieghed jipprevalixxi ruhu mid-dritt li jopponi l-ezekuzzjoni tal-kabjala hawn fuq imsemmija skond id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana billi jezistu ragunijiet gravi u validi sabiex tigi opposta tali ezekuzzjoni u senjatament:

## 1. Uzura

1.1. Kemm il-kambjala annessa mal-fuq imsemmija ittra ufficjali ta' nhar it-2 ta' Dicembru, 2016 u anke s-self originali huma nulli u minghajr effett fil-ligi a tenur tal-Artikoli 966 (d), 985, 986 (2), 987, 990 u 991 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta stante li huma simulate, illeciti, ipprojbiti mil-ligi, kontra l-ghemil xieraq u kontra l-ordni pubbliku u kontra l-interess generali u dana billi l-kambjala in kwistjoni tkopri element ferm eccessiv ta' uzura;

1.2. Il-Qrati taghna dejjem irritenew, anke fl-ambitu tal-azzjoni kambjarja, fejn b'ligi esppressa ma hija permessa l-ebda eccezzjoni kontra l-hlas tal-import li jidher fuq wicc il-kambjala, illi, jekk jigu mitluba, huma ghandhom jindagaw jekk il-kambjala hijiex "imcappsa bl-uzura" (ara per ezempju s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc nhar il-15 ta' Novembru, 1985 fl-ismijiet **Joseph Mary Farrugia v. Gontram Borg noe**);

1.3. Anke fl-ambitu ta' procedure bhal dik odjerna gie ritenut illi allegazzjoni ta' uzura illi tigi ippruvata almenu sal-grad ta' *prima facie* hija raguni gravi u valida sabiex dina l-Onorabbli Qorti tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta' kambjala. L-esponenti jirreferi ghal zewg digrieti moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar il-5 ta' Frar, 2008 fl-ismijiet **Giovanni Briffa v. Ronald Azzopardi** fejn gie ritenut dan illi gej:

*Il-ligi ma tispecifikax x'inhuma r-ragunijiet gravi u fil-fehma tal-Qorti dan ma sarx b'xi nuqqas tal-legislatur izda intenzjnatament ghax il-legislatur ried ihalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti ghandha tilqa' t-talba jew le. Certament li r-raguni valida m'ghandhiex tkun wahda frivola ghax kif tghid l-istess ligi hlief fil-kaz tal-firma r-raguni trid tkun gravi u valida u dan jaghmilha cara li persuna ma tistax kapriccozament topponi tali exekuzzjoni.*

*Izda min-naha l-ohra l-legislatur ma eliminax ir-ricerka li ssir f'kawza skond id-dispozizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc izda l-Artikolu 253(e) u* ***proviso*** *tieghu gie rez bhala procedura (****prima facie****) diskrezzjonali f'idejn il-Qorti, bazat naturalment fuq ragunijiet validi u gravi. Huwa veru li mkien fil-ligi ma jinstab il-kliem* ***prima facie*** *izda kien ikun bla sens li l-Qorti tidhol fid-dettalji kollha tal-proceduri soliti meta hekk jew b'hekk dawk il-proceduri ma gewx eliminate mil-legislatur, b'mod li jirrendi l-applikazzjoni gusta tal-ligi tittiehed f'dan is-sens.*

*Issa fil-kaz in ezami jezistu dawn ir-raagunijiet gravi u validi? Il-bazi tal-azzjoni tar-rikorrent hija l-element ta' uzura u l-konsegwenti nullita` ai fini tal-Artikolu 986(2) tal-Kap. 16. Dan l-artikolu jaghmilha cara dwar in-nullita` f'kaz ta' uzura. Anke fl-azzjoni kambjarja l-qrati rritenew li l-uzura tista' sservi ta' element li jigi indagat jekk il-kambjarja hija mcappsa bl-uzura (ara* ***Joseph Mary Farrugia vs Gontram Borg noe*** *deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-15/11/1985).*

*Hawn il-Qorti trid toqghod ferm attenta milli tesprimi l-opinjoni taghha li tali uzura tezisti fil-kaz in ezami jew le ghax tali ricerka tispetta lil din il-Qorti f'azzjoni* ***ad hoc*** *wara li jigu mressqa l-provi kollha relevanti. Izda fl-istess hin biex tara jekk jezistux dawk l-elementi gravi u validi necessarji ghall-kawza odjerna l-Qorti bilfors ghandha l-obbligu li tesprimi d-dubji ferm serji taghha dwar il-kaz in exami jekk tali uxura kenitx applikata fil-kaz in ezami u dan senjalment meta wiehed jezamina d-dokumenti esebiti.*

1.4. Ghalhekk jezistu ragunijiet gravi u validi sabiex tigi sospiza l-ezekuzzjoni tal-kambjala mertu ta' dawn il-proceduri;

**2. Kawza illecita stante ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Kap. 371 u tal-Artikolu 3 tal-Kap. 376**

2.1. Kif ser jirrizulta ampjament matul is-smiegh u t-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, id-defunt John Farrugia kien jinnegozja u jopera bhala bank illegali u kien jislef ammonti ingenti lil varji nies b'mod regolari u abitwali u dana minghajr il-licenzji mehtiega skond il-ligi. Kien f'dan l-ambitu illi giet emessa l-kambjala mertu ta' dawn il-proceduri u billi l-imsemmi John Farrugia ma kellux il-licenzji mehtiga skond il-ligi, il-*causa* ghall-hrug tal-kambjala in kwistjoni hija milquta b'illegalita ossija ghandha l-kawza illecita u ma tistax tigi ezegwita;

2.2 L-esponenti jirreferi ghall-Artikolu 5 (1) tal-Kap. 371 (Att dwar il-Kummerc Bankarju) li jghid illi: *Ebda kummerc bankarju ma ghandu*

*jsir f'Malta jew minn Malta hlief minn kumpannija li jkollha licenzja moghtija taht dan l-Att mill-awtorita` kompetenti.* Fl-istess Att, *kummerc bankarju* huwa definit kif gej: "*kummerc bankarju*" *tfisser il-kummerc ta' persuna li kif specifikat fl-Artikolu 2A taccetta depozitu ta' flus mill-pubbliku li jistghu jigu rtirati jew imhallsa lura fuq talba jew wara perijodu stabbilit jew wara avviz jew li tissellef jew tigbor flus minghand il-pubbliku (inkluz is-self jew gbir ta' flus bil-hrug ta' obbligazzjonijiet jew stock ta' obbligazzjonijiet jew strumenti ohra li joholqu jew jirrikonoxxu dejn), f'kull kaz bl-iskop li dawk il-flus jintuzaw kollha jew f'parti billi jkunu mislufa lil terzi jew xort'ohra jkunu investiti akkont u ghar-riskju tal-persuna li taccetta dawk il-flus;*

2.3. Dawn huma proprju n-negozju u l-operazzjonijiet minghajr licenzja u kwindi illegali illi kien qieghed jaghmel id-defunt John Farrugia u li l-intimata Catherine Farrugia issa qeghdha tippretendi illi tista' tazzjona bil-barka ta' dina l-Onorabbli Qorti;

2.4. Fic-cirkostantzi hemm ukoll ksur tal-Artikolu 3 (1) tal-Kap. 376 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji) illi jiddisponi li: *Ebda kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja ma ghandu jsir f'Malta jew minn Malta hlief minn kumpannija li jkollha licenzja moghtija taht dan l-Att mill-Awtorita` kompetenti.* Fl-istess ligi *istituzzjoni finanzjarja* hija definita bhala li *tfisser kull persuna li b'mod regolari jew abitwali tikseb holdings jew tidhol biex twettaq xi attivita` elenkata fl-Ewwel Skeda akkont u ghar-riskju tal-persuna li tkun qeghda twettaq dik l-attivita`* u fost l-attivitajiet imsemmija fl-Ewwel Skeda hemm imsemmi is-*self*;

2.5. L-Onorabbli Qorti tal-Appell gia` esprimiet il-pozizzjoni taghha f'kaz simili, ghalkemm mhux identiku, b'sentenza moghtija minnha nhar it-3 ta' Frar, 2012 fl-ismijiet **Ian Pecorella v. Sovereign Caterers Limited et** fejn irriteniet dan illi ġej:

*L-aħħar aggravju hu illi l-kambjalijiet għandhom kawża illeċita, għax id-dejn inkorporat fihom huwa ġej minn negozju fi flus barranin, bi ksur tal-art. 3(1) tal-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji (Kap. 376), li jgħid illi "ebda kummerċ ta' istituzzjoni finanzjarja ma għandu jsir f'Malta jew minn Malta ħlief minn kumpannija li jkollha liċenza mogħtija taħt dan l-Att mill-awtorità kompetenti", waqt illi l-para. 7(b) tal-Ewwel Skeda tal-Att igħid illi fost l-attivitajiet li jitqiesu ta' istituzzjonijiet finanzjarji hemm "negozju li persuna tagħmel f;isimha jew f'isem il-klijenti ... ... ... fil-kambju ta' flus barranin".*

*[...]*

*F'dan l-istadju l-qorti trid tara biss jekk hemmx raġunijiet gravi biżżejjed biex tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjalijiet u mhux biex tħassarhom. Dak l-eżerċizzju jsir fil-kawża li jiftaħ il-kreditur jekk it-talba għas-sospensjoni tintlaqa'. Il-qorti hija tal-fehma illi jidher, għall-inqas prima facie, illi tassew illi l-intimat mar-rikorrenti kien jagħmel negozju ta' kambju ta' flus barranin, u dan huwa biżżejjed biex tissospendi l-eżekuzzjoni tat-titolu għax seta' jtebba' l-causa tal-ħruġ tal-kambjali b'illegalità.*

*L-ewwel qorti qalet illi, ukoll jekk il-causa għall-ħruġ tal-kambjalijiet kienet waħda illeċita, ir-rikorrenti kienu kompliċi fl-illegalità u għalhekk ma jistgħux jinqdew b'dik l-illegalità biex jiksbu s-sospensjoni għax ex turpi causa non oritur actio. Dan ir-raġunament iżda huwa ħażin għax, għalkemm ir-rikors tallum għamluh ir-rikorrenti, huwa l-intimat illi beda l-proċedura – maħsuba biex tissostitwixxi kawża – għall-ħlas u għalhekk huwa l-intimat li jitqies actor. Se mai, il-prinċipju li jgħodd għall-każ huwa in pari causa turpitudinis melior est condicio possidentis."*

2.6. Anke ghalhekk jezistu ragunijiet gravi u validi sabiex tigi sospiza l-ezekuzzjoni tal-kambjala mertu ta' dawn il-proceduri;

2.7. Dwar dawn l-ewwel zewg ragunijiet, l-esponenti qieghed prezenzjalment jindika l-intenzjoni tieghu illi jirraporta l-agir kriminali lill-awtoritajiet fosthom dawk fiskali u lill-pulizija ezekuttiva ghall-investigazzjoni taghhom;

**3. Il-*locus standi* ta' Catherine Farrugia u non konformita` mad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 259 (4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**

3.1. Minn harsa lejn il-kambjala annessa mal-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi ma jirrizultax li din ghandha tithallas lill-imsemmija Catherine Farrugia jew ghall-ordni taghha izda lil John Farrugia. Ghalhekk *prima facie* Catherine Farrugia ma hijiex intitolata li tittenta tezegwixxi l-kambjala annessa mal-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi qabel ma l-ewwel u qabel kollox tigi kompletata l-procedura kontemplata fl-Artikolu 259 (4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

**4. Fashion Retailers Enterprises Limited**

4.1. L-esponenti huwa direttur f'din il-kumpannija. Din il-kumpannija ma tiffigura imkien fil-kambjala in kwistjoni u ghalhekk ma jistax jifhem ghaliex qieghed isir tentattiv illi l-kambjala in kwistjoni tigi ezegwita kontra din il-kumpannija;

4.2. Anke ghalhekk biss, l-ezekuzzjoni tal-precitata kambjala ghandha tkun sospiza u michuda.

Ghal dawn ir-ragunijiet u ghal dawk li ser jingiebu waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' dan ir-rikors l-esponenti umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, a tenur tal-Artikolu 253 (e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tissospendi u twaqqaf l-ezekuzzjoni tal-kambjala annessa mal-fuq imsemmija ittra ufficjali pprezentata nhar it-2 ta' Dicembru, 2016 u dana taht dawk il-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez."

Rat ir-risposta tal-Intimata Catherine Farrugia tas-26 ta' April 2017 fejn wiegbet is-segwenti:

"Illi permezz ta' ittra ufficjali pprezentata fit-2 ta' Dicembru 2016, l-esponenti interpellat lill-intimat, fost ohrajn, sabiex ihallsuha s-somma ta' sitt mija u hamsa u disghin elf Euro (Eur695,000), rapprezentanti bilanc fuq import ta' kambjala datata 24 ta' Frar 2014;

Illi l-intimat David Lauri permezz ta' rikors datat 13 ta' Marzu 2017, talab s-sospenzjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjala ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12;

Illi fl-ewwel dehra, din il-Qorti ordnat lil Catherine Farrugia sabiex tipprezenta risposta gha-rikors fi zmien hmistax (15) il-gurnata;

Illi ghaldaqstant Catherine Farrugia xtaqet tirrileva l-punti segwenti sabiex tirribatti l-allegazzjonijiet inforndati kontenuti fl-istess rikors.

Illi qabel xejn, huwa imperattiv, fil-fehma umli ta' Catherine Farrugia, li tispjega l-fatti li wasslu ghall-hrug tal-kambjala in kwistjoni.

**1. Il-Fatti fil-Qosor**

1.1 Illi Catherine Farrugia hija l-mara tad-defunt John Farrugia, li kien, tul hajtu, habib kbir ta' Joseph Lauri, ossija missier id-debituri;

1.2 Illi John Farrugia kien ta' spiss isellef il-flus lil Joseph Lauri sabiex jghinu fin-negozju tieghu, u sakemm baqa' jmexxi n-negozju Joseph Lauri, qatt ma kien hemm ebda problema ta' hlas bejniethom;

1.3 Illi eventwalment, maz-zmien, in-negozju ta' Joseph Lauri gie trasferit lit-tfal tieghu, David u Marcus, u b'David ikun il-'*Managing Partner*' tan-negozju taghhom;

1.4 Illi David Lauri ta' spiss kien jitlob lil John Farrugia sabiex jisilfu aktar flus u kien jitlob lil John Farrugia sabiex jaffettwa hlasijiet direttament fil-kont tan-negozju tieghu f'dati specifici, u dan kif jidher fis-segwenti dokumenti:

(i) Dokument A anness fejn David Lauri permezz ta' email datata 27 ta' April 2012 qed jitlob zewg hlasijiet ta' USD 50,000 u jghid ukoll li ghandu bżonn il-flus b'mod urgenti '*before the end of this month*' – ossija fi zmien jumejn;

(ii) Dokument B anness fejn l-istess Lauri qed jitlob zewg hlasijiet ta' USD 50,000 fl-14 ta' Mejju 2012 u iehor fis-16 ta' Mejju 2012 sabiex ikun jista' juza l-fondi biex jixtri l-istokk bi prezz baxx ("*to use funds on orders of stock with lower prices*");

(iii) illi John Farrugia, bhala habib tal-familja Lauri, sahansitra anke gieli affetwa pagamenti lid-dipartiment tal-VAT f'isem David Lauri sabiex jghinu u dan kif jidher minn Doc C;

1.5 Illi permezz ta' email datata 30 ta' Jannar 2013, David Lauri ikkonferma illi l-bilanc dovut sa dakinhar kien ta' Eur 270,000 "*The last batch of the old balances Euro 270,000 is going to be settled like the rest and I've started the ball rolling ….*" u fl-istess email David Lauri, apparti milli jikkonferma l-bilanc ta' Eur 270,000, qieghed jitlob ukoll hlas iehor ta' Eur 200,000 izda jirrimarka wkoll li John Farrugia kien indika li lest li jsellfu biss Eur 70,000. F'din l-email Lauri jghid ukoll li ghandu bzonn li l-flus ikunu jidhru fil-kont sal-31 ta' Jannar 2013 u ghalhekk l-ahhar gurnata li seta' jsir it-trasferiment min-naha ta' John Farrugia kien fit-30 ta' Jannar 2013: "*it makes a big difference if the funds are visible on the 31st or after the 1st* ***and the 30th is the last day to do it*** (enfasi mizjuda)." Din l-email qegħdha tigi annessa u mmarkata bhala Dok D;

1.6 Illi in segwitu tal-email msemmija fil-paragrafu precedenti fit-30 ta' Jannar 2013 sar pagament ta' USD 65,000 (ekwivalenti ghal Eur 48,984.30 skond ir-rata applikabbli ta' dakinhar) lil Benetton Group SPA ghan-nom ta' David Lauri u dan kif jidher minn Dok E;

1.7 Illi apparti l-hlas surreferit, saru wkoll, **<u>fost ohrajn</u>**, dawn it-trasferimenti b'self mill-kont ta' John Farrugia ghan-nom ta' David Lauri fil-kont ta' Benetton Group SPA, in-negozju tal-istess David Lauri:

i. Self ta' USD 35,000 (ekwivalenti ghal Eur 26,553.13 skond ir-rata applikabbli ta' dakinhar) fit-8 ta' Frar 2013 – Dok F;

ii. Self ta' USD 50,000 (ekwivalenti ghal Eur 37,962.10) skond ir-rata applikabbli dakinhar) fit-12 ta' Frar 2013 – Dok G;

iii. Self ta' USD 50,000 (ekwivalenti ghal Eur 37,962.10) skond ir-rata applikabbli dakinhar) fil-15 ta' Frar 2013 – Dok H;

iv. Self ta' Eur 11,821.89 fl-4 ta' April 2013 – Dok I;

v. Self ta' USD 50,000 (ekwivalenti ghal Eur 37,507.49) skond ir-rata applikabbli dakinhar) fil-10 ta' Gunju 2013 – Dok J;

vi. Self ta' USD 50,000 (ekwivalenti ghal Eur 38,060.63) skond ir-rata applikabbli dakinhar) fil-14 ta' Gunju 2013 – Dok K;

vii. Self ta' USD 50,000 (ekwivalenti ghal Eur 38,338.69) skond ir-rata applikabbli dakinhar) fl-20 ta' Gunju 2013 – Dok L;

viii. Self ta' USD 50,000 (ekwivalenti ghal Eur 38,946.70) skond ir-rata applikabbli dakinhar) fis-26 ta' Gunju 2013 – Dok M;

ix. Self ta' USD 80,000 (ekwivalenti ghal Eur 58,937.52) **<u>bi tnaqqis ta' 0.5% fuq ir-rata applikabbli ta' dakinhar</u>**) fl-24 ta' Ottubru 2013 – Dok N;

x. Self iehor ta' EUR 21,500, f'pagament dirett minn John Farrugia lil Olimpias SPA f'isem Fashion Retailers Malta, datat 25 ta' Novembru 2013 – Dok O;

xi. Self iehor ta' EUR15,000, din id-darba mahrug f'forma ta' Bank Draft pagabbli lid-Dipartiment tal-Vat, f'isem David Lauri, datat 16 ta' Dicembru 2013 – Dok P;

1.8 Illi hekk kif iz-zmien beda ghaddej u d-debituri dehru li kienu qed isibuha difficli sabiex ihallsu d-dejn taghhom lil John Farrugia, fi Frar ta' 2014 it-tlett partijiet flimkien qablu li d-debituri ghandhom johorgu kambjala ghall-ammont dovut dakinhar, senjatament tmien mitt elf ewro (Eur 800,000) (annessa mar-rikors tad-

debitur u mmarkata Dokument DL 1), liema ammont jinkludi wkoll l-interessi li ddekorrew sa dakinhar;

## 2. Kunsiderazzjonijiet Legali

2.1.1 Illi preliminarjament jinghad illi r-rikors odjern ma ghandux igib is-sospenzjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjala in kwistjoni ghaliex il-qrati taghna dejjem iddettaw illi "*f'azzjoni kambjarja huma **permessi biss <u>eccezzjonijiet dwar il-validita` formali tal-kambjala</u>** in kwantu tkun prima facie monka mill-**<u>elementi kostituttivi essenzjali</u>** taghha kif trid il-Ligi.*" (**George Zahra vs. Alfred Borg**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-28 ta' April 1995).

2.1.2 Illi l-kambjala mertu ta' dawn il-proceduri ma tidher li hija nieqsa mill-ebda elementi kostituttivi dettati mill-Kodici tal-Kummerc, il-kodici regolatur f'dan ir-rigward. Illi ghalhekk kif tajjeb irritenew il-qrati taghna "*gia ladarba l-aspetti formali tal-kambjala huma sodisfatti, ma tista' ssir l-ebda indagini fuq il-mertu tal-kambjali*" (**Joseph Mamo vs. Joseph Zammit**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Lulju 2014).

2.1.3 Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju, l-allegazzjonijiet maghmula mill-konvenut huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u fi kwalunkwe kaz dan tal-ahhar ghandu jaghti prova li dak li qeghdin jirreferu ghalih l-precitati artikoli ghandu applikazzjoni fil-kaz odjern, liema prova li dak li qeghdin jirreferu ghalih il-precitati artikoli ghandu fil-kaz odjern, liema prova tispetta lilu biss.

### 2.2 Uzura

2.2.1 Illi rigward l-allegazzjoni tal-uzura (u cioe` l-artikoli kkwotati mill-konvenut f'dan il-kaz; 966(d), 985, 986(2), 987, 990, 991 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta), il-ligi fl-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma taghtix ebda rimedju ta' dikjarazzjoni ta' nullita`;

2.2.2 Izjed minn hekk, il-konvenut David Lauri ma ha ebda passi, la civili u lanqas kriminali biex isostni din l-allegazzjoni tieghu u qaghad jistenna li jigi mfittex ghall-hlas biex ghall-ewwel darba, jissolleva din id-difiza, tattika li l-konvenut qieghed juza sabiex jittardja kemm jista' l-hlas lill-esponenti;

2.2.3 Illi wkoll minghajr pregudizzju, l-konvenuti jrid jgib prova ta' dak kollu allegat minnu;

2.2.4 Illi bir-rispett kollu, d-digriet citat mid-debitur moghti fil-**5 ta' Frar 2008** fl-ismijiet **Giovanni Briffa vs Ronald Azzopardi** m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kaz odjern, u dan ghaliex kif jidher mid-digriet stess, l-ammont mitlub kien zdied f'ammonti straordinarji f'qasir zmien u (skond id-dokumenti ezibiti) kienu jidhru suspettuzi ferm. Certament li ma jistax jitqabbel mal-kaz odjern fejn hemm notamenti u transazzjonijiet bankarji kwazi ghal kull pagament li sar, u fil-fatt fl-ahhar paragrafu il-Qorti osservat illi "*a fol 78 gie intavolat rikors guramentat numru 1234/07 AF fejn **specifikament** intalab li l-import tal-**kambjali jikkomprendi ammonti li jikkostitwixxu uzura** (enfasi mizjuda)*", liema osservazzjoni izda d-debitur David Lauri fir-rikors tieghu konvenjentament ghogbu ma jiccitaw jigi applikat l-istess linja ta' hsieb;

2.2.5. Illi aktar minn hekk, ir-ragunament legali u l-applikazzjoni tal-ligi ta' dik l-Onorabbli Qorti fid-digriet surreferit, moghti mill-**Onor Mhallef Lino Farrugia Sacco**, huwa kompletament zbaljat, partikolarment fil-parti tas-sentenza li kkwota d-debitur David Lauri, fejn il-Qorti qalet illi:

"*Il-bazi tal-azzjoni tar-rikorrent hija l-element ta' uzura u l-konsegwenti nullita` ai fini tal-Artikolu 986(2) tal-Kap. 16.* ***<u>Dan l-artikolu jaghmila cara dwar in-nullita` f'kaz ta' uzura</u>***. Enfasi mizjuda";

2.2.6 Illi jidher car illi hawnhekk il-Qorti qed tizbalja, u dan ghaliex jekk il-Qorti, anke fil-kaz odjern, jidrilha li ghandha tidhol fil-mertu dwar jekk il-kambjala tkoprix element ta' uzura, l-unika konsegwenza li dan jista' jwassal ghaliha, hija n-nullita` ta' "**<u>dak li hu zejjed</u>**", u dank if jipprovdi l-Artikolu 986(2) tal-Kap. 16 (kkwotat mill-konvenut stess fir-rikors tieghu kif ukoll mill-Qorti fid-digriet taghha), kif ukoll kif jipprovdi l-Artikolu 1852 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2.2.7. Illi l-fatt li dan ir-ragunament huwa zbaljat iddikjaratu l-Qorti tal-Appell f'sentenza li kienet originarjament deciza fil-Prim' Istanza mill-istess Onor Mhallef Lino Farrugia Sacco fejn kien ghamel konsiderazzjonijiet legali identici (u zbaljati) ghal dawk li kkwota d-debitur David Lauri.

2.2.8 Fil-fatt, fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili mill-istess **Onor Mhallef Lino Farrugia Sacco** fl-24 ta' Ottubru 2012 fl-ismijiet **Maria Dolores Montebello et vs Saviour Chetcuti**, ghal darb'ohra l-Qorti (erronjament) qalet illi

"*Huwa ovvju li l-ewwel talba (*Fl-ewwel talba taghhom, ir-rikorrenti talbu lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-iskritturi li dahlet fihom l-attrici Maria Dolores Montebello datati 20 t'April, 1991, 11 ta' Novembru, 1991 u 21 t'April, 1992 rispettivament huma kollha msejsa fuq kawza illecita u dana billi l-imghax miftiehem kien wiehed bl-ghaxra fil-mija [10%]*) ghandha tigi milqugha ghax din verament hija msejsa fuq kawza illecita billi l-imghax miftiehem huwa wiehed ta' 10%. Infatti dawn it-tliet skritturi m'ghandhomx ikollhom effett ghall-fini tal-ligi u l-partijiet ghandhom jispiccaw fl-istatus quo ante*".

2.2.9 Izda pero`, il-Qorti tal-Appell tas-**27 ta' Jannar** 2017 fl-istess ismijiet, **Maria Dolores Montebello et vs Saviour Chetcuti**, ikkwotat il-ligi u spjegat ghaliex ir-ragunament tal-Prim' Awla kien wiehed zbaljat. Konsegwentament, l-istess Qorti tal-Appell spjegat kif l-istess artikolu ghandu japplika:

"L-ewwel Qorti qalet dan ghax qieset l-iskrittura ta' self bhala nulli ghax milquta b'użura. L-uzura pero`, ma twassalx ghan-nullita` tal-iskritturi. L-Artikolu 986 tal-Kodici Civili jghid li "*kull obbligazzjoni ghall-hlas ta' imghaxijiet f'izjed minn tmienja fil-mija fis-sena hija wkoll nulla ghal dak li hu zejjed*". Kwindi, l-uzura ma tirrendix l-obbligazzoni nulla, izda jkun null l-obbligazzjoni ta' hlas ta' imghax b'rata ghola mit-8%. Dan johrog car ukoll mill-Artikolu 1852 tal-Kodici Civili, li wara li jghid li l-imghax fuq self ma jistax jaqbez it-8%, jiddisponi li "*l-imghax miftiehem f'izjed minn daqshekk jigi mnaqqas sal-limiti*" ta' 8%."

2.2.10 Illi ghalhekk, apparti mill-fatt illi l-fattispecie tal-kaz ccitat mid-debitur fir-rikors tieghu, ossija **Giovanni Briffa vs Ronald Azzopardi** li wasslu lil dik il-Qorti ghall-konkluzjonijiet taghha huma **kompletament** differenti minn dawk tal-kawza odjerna, jibqa' l-fatt li l-konsiderazzjonijiet legali ta' dik il-Qorti u l-linja ta' hsieb li kien qieghed jadotta l-Onor Mhallef Lino Farrugia Sacco (li fuqhom qieghed jistrieh id-debitur David Lauri sabiex isostni l-argument tieghu) ma kienx wiehed korrett;

2.2.11 Ghaldaqstant, din it-talba ghandha tigi michuda u l-ezekuzzjoni tal-kambjala m'ghandhiex tigi sospiza;

**2.3 Kawza illecita stante ksur tal-Artikoli 5 tal-Kap. 371**

2.3.1 Illi wkoll, fir-rikors tieghu, David Lauri jsostni li d-defunt John Farrugia kien jopera bhala bank illegali. Jghid ukoll l-istess Lauri, illli peress illi d-defunt John Farrugia ma kellux il-licenzji

mehtiega skond il-ligi, il-*Causa* hija milquta b'illegalita` u ghalhekk l-kawza hija llecita.

2.3.2 Illi hawnhekk ukoll David Lauri ma ha ebda passi, la civili u lanqas kriminali biex isostni din l-allegazzjoni tieghu u qaghad jistenna li jigi mfittex ghall-hlas biex ghall-ewwel darba, jissolleva din id-difiza, tattika li l-konvenuti qieghed juza sabiex jittardja kemm jista' l-hlas lill-esponenti.

2.3.3 Illi pero`, ir-ragunament tal-intimat m'ghandux mis-sewwa. Bhal ma jidher fid-dokumenti ezibiti, is-self kien isir sabiex l-intimat jiffinanzja n-negozju tieghu. Dan jidher u johrog bl-aktar mod car mit-trasferimenti li kienu saru direttament fil-kont bankarju tan-negozju tal-intimat, kif ukoll mill-hafna *emails* li bghat l-intimat stess lid-defunt John Farrugia. Ghalhekk, huwa ovvju, kif ritenut anke mill-gurisprudenza taghna, illi l-obbligazzjoni infisha ghandha '*causa gusta*' – il-bejgh tal-prodotti mill-hwienet tal-intimat. Fl-istess sentenza tal-Qorti tal-Appell surreferita fl-ismijiet **Maria Dolores Montebello et vs Saviour Chetcuti deciza fis-27 ta' Jannar 2017,** il-Qorti rriteniet illi:

*F'dan il-kaz, l-obbligazzjoni infisha ghandha causa gusta – self biex tinxtara proprjeta` - u l-obbligazzjoni marbuta mal-imghax hija nulla biss ghal dak li hu zejjed 'l fuq mir-rata ta' 8% fis-sena. L-iskritturi in kwistjoni ma jistghux, ghalhekk, jitqiesu bla ebda effett fil-ligi.*

*Dan ifisser li fuq is-self ta' Lm7000 li ghamel il-konvenut lill-attrici, l-istess konvenut hu intitolat ghal imghax bir-rata ta' 8% fis-sena.*

2.3.4 Illi johrog ukoll mill-istess Kap. 371 ccitat fir-rikors tad-debituri, illi f'kaz illi jirrizulta li effettivament inkiser xi artikolu tal-istess kodici, japplikaw il-penali stipulati fl-istess kodici, skond il-kaz;

2.3.5. Illi bl-istess mod, kwalunwe ksur tal-artikoli tal-Kap. 376 ukoll igib il-penalitajiet stipulatstipulati fl-istess att, u ghalhekk, anke jekk *dato ma non concesso* kien hemm ksur tal-Artikolu 3 tal-Kap. 376, dan b'ebda mod ma jfisser illi l-kawza hija wahda illecita;

2.3.6 Illi kif jidher, it-trasferimenti saru kwazi kollha tramite l-banek u jidher, mid-dokumenti ezibiti, li d-debitur dejjem ircieva l-flus fuq talba tieghu u ghalhekk huwa verament argument dghajjef dak tad-debitur David Lauri, illi ghamel snin shah jissellef u jittallab ghal flus mid-defunt John Farrugia minghajr ma jrodd lura dak li jkunu ha, biex imbaghad meta jigi mitlub biex ihallas jghid illi l-

kwistjoni hija milquta b'illegalita` u jahrab mill-obbligi tieghu bl-aktar mod sfaccat;

2.3.7 Illi wkoll, ghalkemm mid-dokumenti ezibiti jirrizulta li John Farrugia sellef flus lill-intimati (jew min minnhom) ghal numru ta' drabi, dan ma jfissirx li awtomatikament li John Farrugia kien jaghmel negozju abitwali minn dan is-self li jwassal ghall-konvinciment sal-grad rikjest mil-ligi li s-self kien bbazat fuq skop kummercjali bhala kummerc bankarju, hekk kif definit fl-istess ligi bankarja. Ir-relazzjoni bejn John Farrugia u David Lauri kienet wahda li twieldet mill-fatt illi kif diga` spjegat, missier David Lauri kien habib kbir tal-istess Farrugia, u fil-fatt kien hemm rabtiet ta' hbiberija personali wkoll bejn John Farrugia u David Lauri.

2.3.8 Illi ghal darb'ohra, David Lauri jiccita sentenza tal-Qorti, din id-darba fl-ismijiet **Pecorella vs Sovereign Caters Limited et** fejn il-kreditur f'dik il-kawza jidher li kien isarraf flus barranin, minkejja li (skond l-istess kreditur) mhux b'mod regolari. Il-kaz odjern huwa wiehed ghal kollox differenti, fejn fih il-kreditur sellef ammont ta' flus lid-debitur fuq sturzzjonijiet tieghu stess, liema flus akkumulaw maz-zmien u baqghu ma thallsux u sussegwentament, bi qbil bejn il-partijiet kollha, giet iffirmata kambjala li tirrifletti l-bilanc li kien pendent sa dakinhar.

## 2.4 Locus Standi ta' Catherine Farrugia

2.4.1 Illi l-intimat qieghed ukoll jallega illi l-kambjala annessa mal-ittra ufficjali tal-esponenti ma ghandhiex tithallas lill-esponenti, izda lil John Farrugia. F'dan ir-rigward il-konvenut fir-rikors tieghu jghid illi "*Catherine Farrugia ma hijiex intitolata li tittenta tezegwixxi l-kambjala annessa mal-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi qabel ma l-ewwel u qabel kollox tigi kompletata l-procedura kontmeplata fl-Artikolu 259(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta".* Illi dan l-Artikolu izda jghid biss illi *qua eredi* ta' John Farrugia, l-esponenti Catherine Farrugia, **tista'** taghmel rikors li jigi notifikat lid-debitur, fejn titlob lill-qorti sabiex jigi esegwit it-titolu ezekuttiv f'isem il-kreditur. Fis-sentenza Guza Saliba vs. Carmen Buttigieg et, deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Jannar 2013 – Appell Numru 59/2003/1 dan gie spjegat hekk:

"*Illi l-istess Artikolu 259 jipprovdi ghal tmexxija ghall-esekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv meta d-debitur huwa mejjet. F'dan il-kaz il-ligi fis-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 259 tipprovdi b'mod tassattiv li r-rikors imsemmi fl-Artikolu 258 "hu dejjem mehtieg". Filwaqt li fis-sub-artikolu (4) tal-Artikolu 259 li jipprovdi f'kazijiet fejn il-kreditur huwa mejjet (bhal fil-kaz odjern) il-ligi tghid "jistghu jaghmlu*

*rikors" u din il-Qorti thoss li **f'dan il-kaz il-prezentata tal-istess rikors hija biss fakoltattiva ghall-istess eredi** u dan johrog mill-kliem stess tal-ligi. Ghalhekk ghar-ragunijiet premessi l-ewwel talba attrici ma tistax tintlaqa'. VIDE Guza Saliba vs. Carmen Buttigieg et deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Jannar 2013 – Appell Numru 59/2003/1*"

2.4.2. Illi ghalhekk skont l-intendiment tal-Qorti fis-sentenza citata, Catherine Farrugia ghandha locus standi f'dawn il-proceduri ghaliex il-prezentata tar-rikors msemmi fl-Artikolu 259(4) hija fakoltattiva.

2.4.3 Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li fl-ahjar interess tal-gustizzja r-rikors ai termini tal-Artikolu 259(4) ghandu jsir mill-esponenti fil-kaz odjern, l-esponenti ghandha tithalla tipprezenta l-istess fil-mori tal-proceduri odjerni.

**2.5 Fashion Retailers Enterprises Limited**

2.5.1. Illi fl-ahharnett il-konvenut David Lauri qieghed jopponi l-ezekuzzjoni tal-kambjala in kwistjoni stante illi qieghed isir tentattiv sabiex din il-kambjala in kwistjoni tigi ezegwita kontra l-kumpanija 'Fashion Retailers Enterprises Limited'. Fis-sentenza **Panaco Marketing Limited vs. Walter Bonnici** proprio et nomine deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Mejju 2011, b'riferenza ghar-rikors ai termini tal-Artikolu 253(e), il-Qorti qalet li l-effetti li jista' jipproduci r-rikors intenat minn dak li jaghmlu, '***semmai jista' javvali lilu biss personalment***'. F'dan il-kaz, ir-rikors gie maghmul mill-intimat David Lauri biss, u ghalhekk is-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni tista' tintalab fir-rigward u fil-konfront ta' dan tal-ahhar biss. Illi semmai din l-oggezzjoni ghandha titqajjem permezz ta' rikors ta' Fashion Retailers Enterprises Limited stess.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet u ghal dawk li ser jingiebu waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet mressqa mill-intimat David Lauri permezz tar-rikors datat 13 ta' Marzu 2017, u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut."

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-27 ta' Gunju 2017 li bis-sahha tieghu laqghet it-talbiet kif mitluba fir-Rikors tal-Intimati tat-22 ta' Gunju 2017;

Rat il-verbal maghmul bejn il-partijiet fl-udjenza tal-11 ta' Lulju fejn il-partijiet qablu li l-provi kollha fir-Rikors odjern ghandhom japplikaw ghar-Rikors numru 203/2017 TA gja' JZM fl-ismijiet Catherine Farrugia -vs- Marcus Lauri et, liema Rikors qieghed ukoll jigi deciz illum stess;

Rat ukoll il-verbal tal-11 ta' Lulju 2017 fl-atti tar-Rikors numru 203/2017 TA gja' JZM fl-ismijiet fuq imsemmija, fejn il-partijiet qablu li l-provi f'dak Rikors ghandhom ukoll japplikaw ghar-Rikors odjern;

Rat kull digriet iehor li din il-Qorti tat fil-kors tas-smiegh ta' dan ir-Rikors;

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet fil-kors tas-smiegh tar-Rikors;

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-partijiet;

***Il-Fatti li waslu ghal vertenza li ghanha quddiemha din il-Qorti***

Ir-Rikorrent David Lauri gie interpellat permezz tal-Ittra Ufficjali tat-2 ta' Dicembru 2016 (a` fol 7 ) biex flimkien ma' ohrajn ihallas l-ammont ta' sitt mija u hamsa u disghin elf Ewro (€695,000), rappresentanti bilanc fuq import ta' kambjala datata 24 ta' Frar 2014. L-ammont originali fil-kambjala kien dak ta' tmien mitt elf Ewro (€800,000). Din l-ittra ufficjali saret mill-imsemmija Catherine Farrugia f'isimha propio bhala armla ta'

zewgha John Farrugia, qua eredi tal-istess. Din l-ittra saret abbazi ta' dak li jipprovdi l-artiklu 253(e) u 256(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-Rikorrenti ghalhekk ipprocedew bir-rikors odjern biex jikkontestaw l-istess ittra ufficjali, fis-sens, li l-effetti esekuttivi taghha jigu sospizi ai termini tal-proviso tal-artiklu 253(e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

***Punti tal-ligi***

L-artiklu 253 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jelenka dawk li huma titoli esekuttivi. Fost dawn, paragrafu (e) tal-istess artiklu jsemmi l-kambjali. Fost ir-ragunijiet li jsemmi l-proviso ta' dan il-paragrafu sabiex jkunu sospizi l-effetti esekuttivi fil-kaz ta' kambjala, hemm dik, fejn il-persuna li tkun qed titlob is-sospensjoni, jirnexxilha tipprova li jesistu ragunijiet gravi u validi li jiggustifikaw l-opposizzjoni ghall-eskuzzjoni tal-istess.

Ir-ragunijiet gravi li qieghed iressaq ir-Rikorrent jikkonsistu fost ohrajn, li l-kambjala inkwistjoni hija frott ta' zewg kawzi illeciti bi ksur tal-artikoli 996(d), 985, 996(2),987, 990 u 991 tal-Kodici Civili u kif ukoll il-ksur tal-artiklu 5 tal-Kap 371 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artiklu 3 tal-Kap 376 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ifisser, li r-Rikorrent qieghed jinsisti li l-kambjala inkwistjoni hija mcappsa bl-uzura u li d-defunt zewg l-intimata, John Farrugia, kien qieghed jaghmilha ta' Bank minghajr ma kien hekk awtorizzat skont il-ligi.

Ir-Rikorrent qieghed ukoll jargumenta, li l-ammont li qed jintalab, kien dovut lil zewgha u mhux lilha , u fi kwalunkwe kaz, kellha tigi segwita l-procedura ai termini tal-artiklu 259(4) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk ma kellhiex *locus standi* biex tippresenta l-ittra ufficjali. Fl-ahhar nett, ir-Rikorrent jinsisti, li s-Socjeta` Fashion Retailers Enterprises Limited ma kienitx parti ghall-kambjala mertu tal-ittra ufficjali fuq imsemmija. Ghalhekk ma tistax tintalab l-esekuzzjoni ta' kambjala inkwistjoni di fronte ta' din is-Socjeta`.

***Konsiderazzjonijiet***

L-ewwel li ser ikun ikkunsidrat huwa l-*locus standi* tal-Intimata meta presentat l-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru 2016. Fi ftit kliem, jekk hemm ix-xorta ta' interess guridiku ai fini tal-ezercizzju tal-azzjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti.

Huwa fatt indubitat, li l-Intimata f'dawn il-proceduri, hija l-armla tal-mejjet John Farrugia. Izda fil-mument li nharget il-kambjala inkwistjoni, hi kienet ukoll mart l-imsemmi John Farrugia li kien jezercita l-kummerc. Dan ifisser, li ma kienx mehtieg il-presenza ta' Catherine Farrugia f'kull att li kien iwettaq zewgha, anke jekk dak l-att seta' jitqies bhala wiehed straordinarju (ara artiklu 1324 tal-Kodici Civili).

F'dan ir-rigward jakkwista valur dak li intqal fis-Sentenza tal-**Qorti ta' Appell (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet 'Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti'** u cioe`

"*b'relazzjoni guridika wiehed necesarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu' ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha*." (ara ukoll **Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Per Magistrat Consuelo Scerri Herrera fl-ismijiet Anthony Grech Sant-vs-Flavia Borg Bonaci tal-1 ta' Marzu 2016**).

Huwa minnu, li l-kambjala inkwistjoni inharget favur id-defunt John Farrugia. Izda huwa minnu ukoll, li r-regim matrimonjali fis-sehh bejn il-konjugi Farrugia huwa presunt li *ope legis* kien dak tal-kommunjoni tal-akkwisti. Tassew, li din hija presunzjoni "iuris tantum", ghaliex dan ir-regim jista' jkun eskluz b'kuntratt pubbliku kemm *ante* u anke *post* nuzjali. Izda tul is-smiegh tar-Rikors, indipendentement mill-fatt li fl-ittra ufficjali fuq imsemmija, l-imsemmija Catherine Farrugia kkwalifikat lilha nnifisha bhala l-eredi ta' zewgha, ma ngabet ebda prova li dan ir-regim kien gie eskluz b'xi att pubbliku, qabel jew waqt iz-zwieg taghhom(ara **Sentenza tal-Prim Awla Qorti Civili per Imhallef Mark Chetcuti tas-6 ta' April 2017 fl-ismijiet Karizia Company Limited -vs- Michael Debono nomine**).

Ghalhekk, din il-Qorti tifhem, li r-regim matrimonjali bejn il-konjugi Farrugia, sa dak in-nhar li nharget il-kambjala inkwistjoni, kien ghadu regolat mill-kommunjoni tal-Akkwisti. Dan ifisser, li l-Intimata zgur tgawdi minn nofs il-valur tal-akkwisti kollha maghmula fiz-zwieg, anke jekk dovuti f'forma ta' hlas bhal ma hi din il-kambjala (artikolu 1320 tal-Kap. 16). Dan il-fatt wahdu huwa bizzejjed, biex jizra' fl-Intimata dak l-interess guridiku taghha biex tippresenta l-ittra ufficjali inkwistjoni.

Din il-Qorti hi tal-fehma, li ai fini tal-artikli 253 u 256(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-anqas huwa necessarju, li kull min jipposjedi interess sabiex titolu jigi rez ezegwibbli, ghandu bil-fors ikun parti ghall-ittra ufficjali inkwistjoni. L-importanti hu, li min jipprocedi biex jirrendi titolu ezekuttiv, jipposjedi imqar parti mill-patrimonju mill-gid li jirrapresenta dak it-titolu. Il-procedura fit-termini tal-artikoli fuq imsemmija ma ssirx biex jintalab il-kannonizzjoni ta' kreditu, izda l-ezekuzzjoni tieghu. X'jigri mill-assi li jigu prelevati b'konsegwenza tal-ezekuzzjoni tat-titolu, kwantu jirrigwarda lill-Kredituri ezekuntanti u l-ko-kredituri l-ohrajn li ma jkunux ippartecipaw f'din il-procedura, hija kwistjoni interna ta' bejniethom u ma tirrigwardax lid-debitur ezekutat.

Dan ifisser, li kwantu jirrigwarda l-ilment tar-Rikorrenti li l-imsemmija Catherine Farrugia ma mxietx skont il-procedura li jiddetta l-artiklu 259(4) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, issir referenza ghal dak appena kkunsidrat. Jigifieri, ghalkemm huwa minnu, li fl-imsemmija ittra ufficjali l-Intimata kwalifikat lilha nnifisha bhala eredi, fir-rejalta` hi ghandha wkoll

bi dritt dirett u personali taghha, ghan-nofs tal-valur tal-kambjala bhala sehemha mill-kommunjoni tal-akkwisti kif fuq inghad. Ghalhekk, fic-cirkostanzi l-imsemmija procedura ma hiex applikabbli ghaliha. Dan l-argument japplika anke ghall-bilanc tas-somma anke jekk hija eredi wkoll.

***Kwistjoni ta' uzura***

Dwar dan l-aspett tar-Rikors, din il-Qorti hasbet fit-tul. Matul is-smiegh ta' dan ir-Rikors, il-Qorti ma setghetx ma tinnotax il-mod xejn ortodoss ta' kif kien jopera d-defunt John Farrugia, kemm taht ismu personali u kif ukoll fil-vesti ta' Direttur tas-Socjeta` kummercjali D.B.R Investments Ltd. Kien javvanza sommom sostanzjali lil terzi u li l-agir tieghu kien ivarja bejn dak ta' wiehed li jiffacilita` servizz finanzjarju u servizzi li ghandhom xebh qawwi ma' dawk bankarji. F'dan l-istadju, il-Qorti mhux ser tidhol fil-mertu ta' jekk kienx hemm htiega ta' licenzja ghal dan l-iskop mill-Awtorita` Regolatorja apposita, izda ser tillimita lilha nnifisha ghal kwistjoni tal-uzura.

Il-*modus operandi* xejn konvenzjonali tal-imsemmi John Farrugia, gieli f'ismu personali u gieli taht il-kappa tas-Socjeta` fuq imsemmija, waslet, biex Paul Mercieca gie mahtur mill-Awtorita' Maltija Ghas-Servizzi Finanzjarji (MFSA) biex effettivament jiehu l-kontroll tas-Socjeta` inkwistjoni taht idejh (ara a` fol 186). L-imsemmi kellu fost ohrajn l-inkarigu "*to establish the extent of D.B.R Investments Limited's*

*involvement, if any, in the loan and payments business which was allegedly being carried out by Mr. John Farrugia (ID 683755M) in his personal capacity and/or in the name of D.B.R Investments Limited . For this purpose , Mr. Paul Mercieca is required, inter alia, to review the Company's and Mr. John Farrugia's bank account transactions (starting point being January 2013*)." (a` fol 178 u 179).

Fir-rigward tal-investigazzjoni li kien qieghed jaghmel Paul Mercieca, hemm parti tax-xhieda tieghu li ghandha rilevanza ghall-kwistjoni ta' uzura meta abbinata max-xhieda li nghatat kemm minn Jacqueline Busuttil u kif ukoll Emmanuel Camilleri, zewg impjegati tad-defunt John Farrugia. Din ix-xhieda timmerita li tkun riprodotta *in extenso*:-

> "**Xhud**: *Ghar-rigward ta' John Farrugia m'ghamilt l-ebd investigazzjoni , l-ebda xoghol . Kien hem min kien cempel u jghidli jiena kelli x'naqsam ma' John Farrugia pero' ma dhaltx fiha. L-ewwel nett ma kelliex id-dokumenti tieghu, ma kellix l-istatement u mal-MFSA ftehemt, ftehemna li jiena nikkoncentra biss biex naghti lura fuq il-flus u l-investimenti*
>
> **Dr. William Cuschieri:** *Jigfieri inti principarjament*
>
> **Xhud**: *Ghax huwa rilevanti wkoll. Ghax huwa rilevanti fil-client's account tal-kumpanija , jigifieri mhux il-kont principali tal-kumpanija, il-clients' account kien hemm hafna transazzjonijiet li ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-Kumpanija*

**Dr. William Cuschieri** : *All right. Transazzjonijiet*

**Xhud**: *flus dehlin, pagamenti, loans dehlin u hergin mill-clients' account . Pero' ma kienux parti mir-records tad-DBR . Jigfieri ma kienux loans tad-DBR*

**Dr. William Cuschieri** : Ta' *John Farrugia personali allura?*

**Xhud** : Iva. Kien juza l-clients' account ghal skopijiet ohrajn mhux biss li suppost kien jaghmel bhal klijenti tad-DBR. U hemmhekk kien hemm diversi pagamenti u receipts. Infatti fid-dokumenti li tlabtuni gibt dawk li ghaddew minn client's account ta' DBR pero' mhux bhala" (a` fol 397 u tergo).

Dan il-modus operandi jindika l-mod, kif l-imsemmi John Farrugia ma kienx ihoss li kien necessarju li josserva l-ligi billi l-anqas jiddistingwi bejnu u bejn il-Kumpanija. Il-mod erratiku tal-mod kif kien imexxi, holoq sitwazzjoni li ghamilha difficli ukoll biex issir distinzjoni bejn kapital u imghaxijiet. Dan qieghed ukoll jinghad, fid-dawl tax-xhieda tant importanti, kemm ta' Jacqueline Busuttil u kif ukoll Emmanuel Camilleri, iz-zewg dipendenti tal-imsemmi John Farrugia.

Konsegwentement, jakkwista rilevanza dok DL3 (a` fol 127 ta' dan ir-Rikors u a` fol 154 tar-Rikors numru 203/2017TA). Fix-xhieda taghha, l-imsemmija Jaqcueline Busuttil (a` fol 170 tergo u 171 tar-Rikors 203/2017 TA), konfrontata bid-dokument inkwistjoni, mhux biss irrikonoxxitu, izda gharfet ukoll il-kaligrafija taghha. F'dan id-dokument,

fuq nett tieghu, hemm imnizzel car dawn il-kliem: "David Lauri 12%". Fl-istess xhieda taghha, ghal mistoqsija jekk l-imghaxijiet kienux ta' tnax fil-mija, wiegbet minghajr ebda esitazzjoni u tlaqliq, fl-affermattiv (a` 171 tergo). Huwa minnu li f'dan id-dokument ir-referenza hija ghal David Lauri, izda johrog car mill-provi, li d-debiti tan-negozji assunti mill-imsemmi kienu finalment jispiccaw f'kitla wahda ma' dawk tar-Rikorrent u kif ukoll tas-socjeta` Fashion Retailers Enterpriss Limited. Tant huwa minnu dan, li fis-smiegh tar-Rikors, ma kien hemm ebda kontestazzjoni dwar il-modus operandi kemm tal-ahwa Lauri bejniethom f'isimhom u f'isem l-imsemmija socjeta` u l-anqas tad-defunt John Farrugia fil-konfront taghhom.

Maghdud ma' din ix-xhieda, hemm ukoll id-dokument u cioe` ftehim, fejn tissemma' s-Socjeta` imsemmija, tas-17 ta' Ottubru 2012 (a` fol 126). Fit-tieni parti ta' dan id-dokument sar self ta' mitejn elf dollaru. L-ahhar sentenza ta' dan id-dokument hija indikattiva tax-xorta ta' imghaxijiet li kienu jintalbu f'isem D.B.R Investments Ltd. Dan l-ahhar paragrafu jistipula hekk: "*Interest of 10%/yr on payment 4 & 9%/yr on payment 5 is due today and payable monthly pro rata".* Xhud ghal dan id-dokument kienet l-istess Jacqueline Busuttil.

Mix-xhieda ta' Emanuel Camilleri, impjegat iehor ta' John Farrugia, johrog ghal darba ohra dan ix-xorta ta' *modus operandi* ta' John Farrugia. Il-mod erratiku ta' kif kienu jkunu r-rati tal-imghaxijiet huwa evidenti. Meta dan Emanuel Camilleri gie mistoqsi kemm kienu jkunu l-

imghaxijiet wiegeb hekk: “Daqqa’ jghidli eight, daqqa ghidli nine u daqqa ten. Dawk li niftakar” (a` fol 435). F’passagg iehor tax-xhieda tieghu, dan ix-xhud jghid hekk, b’referenza ghas-self li kien isir: *“All right. Mela, kien hemm naghtu kaz wahda, kienu jifthemu bejniethom. Issa ma kontx inkun nindahal jiena jew presenti jew hekk. Naghtu kaz jaghtih ten thousand Maltin, u naghtu kaz ghal tlett xhur jew erbgha xhur, mela mat-ten thousand irid jaghtih four hundred. Jew five hundred Maltin.”* (a` fol 436 u tergo). B’dan il-Qorti fehmet, li kien hemm mumenti fejn l-imghax kien ikun bejn 12% u anke possibilment anke 20%.

F’dan l-istadju tal-konsiderazzjonijiet u fid-dawl tax-xhieda fuq riportata din il-Qorti taghmel referenza ghas-**Sentenza tal-Qorti tal-Kummerc per Imhallef Joseph D. Camilleri fl-ismijiet Joseph Mary Farrugia vs Gontram Borg *noe* datata 15 ta’ Novembru** 1985 fejn intqal hekk:-

> “*Il-legislatur patriju kien dejjem gelus li jirreprimi l-usura u l-Qrati dejjem irritenew li konvenzjoni affetta b’usura hija, ghal dak li jirrigwarda l-usura, nulla b’mod assolut, jigifieri inesistenti billi illecita ghax projbita mill-ligi (ara fost ohrajn is-sentenzi riportati fil-Volum 32.I.263, 39.I.366, u 45.I.127). L-usura, hi materja ‘che appartiene all-ordine pubblico’ tant li, anki jekk kuntratt ikun sar barra minn Malta, fejn hu ammess dak li ghalina hu usura, jekk tigi mitluba l-esekuzzjoni tal-kuntratt f’Malta, il-Qorti Maltija ma takkordax l-esekuzzjoni ghall-usura (Vol.30.II.288). Sahansitra fl-azzjoni kambjarja fejn b’ligi espressa (artikolu 253 u 255 tal-Kodici*

*tal-Kummerc) [illum artikolu 197 u 198 tal-Kodici tal-Kummerc] mhi permessa ebda eccezzjoni kontra l-hlas ta' l-import li jidher fuq wicc il-kambjala, il-Qorti dejjem dahlu biex jindagaw, meta jigu hekk mitluba, jekk il-kambjala kinitx 'imcappsa bl-usura' (Vol.31.I.507).*"

Din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma, illi ai fini tal-proviso tal-artiklu 253(e) biss, l-allegazzjoni li l-kambjala inkwistjoni hija possibilment imcappsa bl-uzura, prima facie, tirrisulta.

Ir-Rikorrent asserixxa ukoll, li s-Socjeta` Fashion Retailers Enterprises Ltd, ma kienitx parti ghall-kambjala inkwistjoni, izda b'dana kollu fl-ittra ufficjali inkwistjoni xorta giet indikata bhala intimata ai fini ta' esekuzzjoni tal-istess. Ir-Rikorrent jargumenta li ghalhekk biss, it-talbiet Rikorrenti ghandhom jintlaqghu. Izda galadarba li din is-Socjeta` hasset li ma ghandhiex tippartecipa f'dan ir-Rikors, dan huwa punt, li ser ikun ikkunsidrat f'Rikors numru 203/17 TA. F'dan l-ahhar Rikors, li ser ikun determinat illum stess, is-Socjeta` inkwistjoni ippartecipat.

Ghalhekk ma hux mehtieg li din il-Qorti tinvesti l-aggravji l-ohra imqanqla mir-Rikorrent galadarba t-talbiet rikorrenti ser jintlaqghu abbazi li prima facie, il-kambjala inkwistjoni hija imcappsa b'uzura. Dan ifisser pero`, li jekk l-Intimata tikkonsegwixxi l-pretensjonijiet taghha permezz ta' kawza abbazi tal-kambjala mertu ta' dan ir-rikors, kull eccezzjoni tax-xorta tal-aggravji tar-rikors odjern, ikunu jistghu

jinghataw fir-risposta guramentata mir-Rikorrenti qua konvenuti f'dik il-kawza.

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk jezistu ragunijiet gravi u validi bizzejjed li jimmeritaw studju profond fi proceduri *ad hoc* skont il-ligi.

Ghaldaqstant il-Qorti qed taqta` u tiddeciedi, billi tilqa` t-talba tar-Rikorrent u tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala imsemmija fl-atti tal-ittra ufficjali presentata minn Catherine Farrugia datata 2 ta' Dicembru 2016 (Ittra Ufficjali Nru. 3925\2016).

Bl-ispejjes ta' dawn il-proceduri a' karigu tal-intimata.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**